MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2006

Avviz Numru. 630/1999/1

**Mario Busuttil u Caterina Scorfna**
**u b'digriet tal-25 ta' Marzu 2002 zdiedu**
**l-kliem 'Illum mart l-istess Mario Busuttil"**

**Vs**

**Nicholas Carabott**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jirrifondilhom is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1000) ammont imhallas lill-konvenut mill-atturi bhala depozitu fuq l-att tal-konvenju tad-9 ta' Lulju, 1998, u dan stante li l-att finali baqa' ma sehhx.

Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar 1998 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 4 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom peress illi skond il-ftehim bejn il-partijiet l-atturi tilfu d-depozitu meta huma naqsu li jersqu ghall-att finali minghajr raguni valida fil-ligi.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-imsemmi digriet (a fol 47 sa fol 49 tal-atti) moghti fil-25 ta' Marzu 2002.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, b'referenza ghall-<u>konvenju</u> in kwistjoni esebit, in atti in fotokopja, a fol 11 u fol 12 jidher li l-partijiet involuti kienu ftehmu testwalment "Bil-prezz bonarjament konvenut ta' hmistax il-elf lira Maltin (Lm15,000) illi minnhom jithallsu elf lira Maltin (Lm1000) u l-bilanc jithallas hekk …… kapitali" (ara l-klawsola numru wiehed(1) ).

Illi, meta xehed <u>l-attur</u> (fol 8 u fol 31 et seq ibid) hu sema' illi l-Lm1000 in kwistjoni kienu thallsu bhala "<u>depositu</u>" waqt li fl-istess konvenju, kien hemm miftiehem "… kif kellu jithallas il-kumplament tal-prezz" (ara dejjem ic-citata klawsola numru wiehed (1) ). Dwar l-istess konvenut, li kellu jibqa' "in vigore' ghal xahrejn (ara klawsola numru tnejn (2) ibid) izda dan kien gie prorogat sal-ahhar ta' Novembru 1998, f'liema data kien effettivament skada. Fl-istess perjodu hadd mill-partijiet involuti kien baghat ittra ufficjali qabel ma skada l-konvenju lill-kontro parti. Inoltre meta l-konvenut kien gie mtilub jrodd lura l-istess somma, dan kien ippropona Ii din ir-rifuzjoni ssir "… meta jsib il-bejgh tal-post". Din il-proposta, pero', ma gietx accettata mill-attur (ara ukoll ix-xhieda ta' omm l-attur, <u>Emanuela Busuttil</u> a fol 10 ibid) kif ukoll dik tal-<u>attrici</u> (a fol 33 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 29 et seq ibid) jsostni, waqt li jikkonferma illi hu thallas is-somma in esami b'zewg rati, illi 'verbalment" konna tkellimna qabel ma sar il-konvenju, illi jekk l-atturi jonqsu, l-elf lira kienu jitilfuhom" u "Jekk nonqos jiena intihom lura l-elf lira li hallsu kif ukoll elf lira ohra", liema diskors kien sar quddiem in-Nutar involut izda 'jidher li dan id-diskors ma hux imnizzel fil-konvenju"." In rigward l-istess diskors, l-attur (fol 31 ibid) jghid "Niftakar li kien intqal …. Li jekk jiena ma nersaqx, nitlef dawn l-elf lira".

Illi fix-xhieda tieghu, in-Nutar Peter Carbonaro (fol 43 et seq ibid) jispecifika li "Dawn il-flus kienu kappara" u "… kellhom jintilfu favur il-venditur caso mai il-partijiet l-ohra ma kienux jersqu ghall-att publiku minghajr raguni valida fil-ligi.

Ikkunsidrat

Illi mill-assjem tal-provi prodotti b'mod specjali mix-xhieda tan-Nutar Peter Carbonaro, kif citata jidher li effettivament, il-partijiet kienu ftehmu illi s-somma in esami ghandha tigi konsiderata bhala kappara 'arra poenitentialis") u, f'kaz li jsehh l-att publiku finali, l-istess somma kellha titi konsiderata bhala parti mill-prezz li kellu jithallas. Ghalhekk f'dan il-kaz, hu operattiv u ghandu jigi applikat l-artikolu 1359 flimkien mal-artikolu 1360 tal-Kodici Civili. Dan jispecifika li kull wiehed u wahda mill-partijiet, jista liberament, jisvinkola ruhu mill-obbligi tieghu taht l-istess konvenju izda l-parti li tkun tat il-kappara titlef is-somma hekk moghtija.

F'dan il-kaz jidher li l-kompraturi ossija l-atturi ma xtaqux illi l-konvenju in kwistoni, jsehh, billi jsir l-att publiku finali u dan minghajr ma jiprovaw illi kellhom raguni valida fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ma jidhirx illi ghandhom id-dritt skond il-ligi sabiex is-somma involuta tithallas lura lilhom.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talba attrici bl-ispejjes, fic-cirkostanzi tal-kaz, jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------